DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/271

tas-17 ta' Frar 2021

dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja

(notifikata bid-dokument C(2021) 998)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-iskadenza tal-assistenza finanzjarja tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà fl-20 ta' Awwissu 2018, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 ([2]) attivat sorveljanza msaħħa għall-Greċja għal perjodu ta' sitt xhur, mill-21 ta' Awwissu 2018. Is-sorveljanza msaħħa ġiet sussegwentement imtawla erba' darbiet ([3]), kull darba għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, l-aħħar darba mill-21 ta' Awwissu 2020.

(2) Sa mill-2010, il-Greċja rċeviet ammont sostanzjali ta' assistenza finanzjarja, u b'konsegwenza ta' hekk, l-obbligazzjonijiet pendenti tal-Greċja lejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro, lejn il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u lejn il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jammontaw għal total ta' EUR 243 700 miljun. Il-Greċja rċeviet sostenn finanzjarju mis-sħab Ewropej tagħha fuq termini konċessjonali u fl-2012 ġew adottati miżuri speċifiċi biex id-dejn jitqiegħed fuq bażi aktar sostenibbli u dan reġa' sar fl-2017 mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Fit-22 ta' Ġunju 2018, intlaħaq qbil politiku fil-Grupp tal-Euro biex jiġu implimentati miżuri addizzjonali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn. Xi wħud minn dawn il-miżuri, inkluż it-trasferiment ta' ammonti ekwivalenti għall-introjtu li daħħlu l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fuq il-bonds tal-gvern Grieg miżmuma fl-ambitu tal-Ftehim dwar l-Assi Finanzjarji Netti u l-Programm tas-Swieq tat-Titoli, jista' jsir qbil dwarhom darbtejn fis-sena fil-Grupp tal-Euro abbażi ta' rapportar pożittiv skont is-sorveljanza msaħħa fuq il-konformità tal-Greċja mal-impenji ta' politika tagħha għal wara l-programm. Ir-rilaxx tal-ewwel erba' ġabriet ta' miżuri tad-dejn kontinġenti għall-politika ġew implimentati wara ftehim mal-Grupp tal-Euro f'April 2019, Diċembru 2019, Ġunju 2020 u Novembru 2020 rispettivament.

(3) Il-Greċja impenjat ruħha fil-Grupp tal-Euro biex tkompli u tlesti r-riformi ewlenin kollha adottati skont il-programm ta' appoġġ tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("il-programm") u biex tissalvagwardja l-objettivi tar-riformi importanti adottati skont dan il-programm u l-predeċessuri tiegħu. Il-Greċja impenjat ruħha wkoll li timplimenta azzjonijiet speċifiċi fl-oqsma ta' politiki fiskali u fiskostrutturali, tal-benessri soċjali, tal-istabbiltà finanzjarja, tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, tal-privatizzazzjoni u tal-amministrazzjoni pubblika. Dawn l-azzjonijiet speċifiċi, li huma stipulati f'anness tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018, se jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi tal-Greċja u s-sorsi jew is-sorsi potenzjali ta' diffikultajiet ekonomiċi.

([1]) ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 tal-11 ta' Lulju 2018 dwar l-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠU L 211, 22.8.2018, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni UE 2019/338 (ĠU L 60, 28.2.2019, p. 17); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni UE 2019/1287 (ĠU L 202, 31.7.2019, p. 110); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni UE 2020/280 (ĠU L 59, 28.2.2020, p. 9); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni UE 2020/5086 (ĠU L 248, 31.7.2020, p. 20).

(4) Fis-26 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2020 għall-Greċja ([4]). Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Greċja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi ([5]). Filwaqt li l-progress huwa viżibbli f'għadd ta' oqsma, għad hemm vulnerabbiltajiet u kwistjonijiet ta' legat sinifikanti, relatati mad-dejn pubbliku għoli, mal-livell għoli ta' self improduttiv fuq il-karti bilanċjali tal-banek, u mas-settur estern, f'kuntest ta' potenzjal ta' tkabbir li għadu baxx u r-rata għolja ta' qgħad. Dawn is-sejbiet ġew ikkonfermati wkoll mir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Novembru 2020 abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), imħejji fl-isfond tal-kriżi tal-COVID-19, li identifika lill-Greċja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond fl-2021. B'mod partikolari, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija juri li filwaqt li d-dejn pubbliku naqas fl-2019, huwa mistenni li jiżdied aktar minn 200% tal-Prodott Domestiku Gross fl-2020 li jirrifletti t-tnaqqis ekonomiku u l-ispiża tal-miżuri meħtieġa meħuda biex jittaffa l-impatt tal-pandemija. Is-settur finanzjarju tal-Greċja jibqa' f'sitwazzjoni ta' sfida minn kombinazzjoni ta' profittabbiltà baxxa, taħt il-proporzjonijiet kapitali medji u stokk kbir ta' self improduttiv. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta tibqa' negattiva b'mod imdaqqas, għalkemm dan jinkludi dejn pubbliku estern kbir f'termini konċessjonali ħafna, u huwa mbassar li jiddeterjora aktar minħabba flussi aktar dgħajfa mit-turiżmu. Il-qgħad għadu għoli ħafna u x-xejra ta' tnaqqis bil-mod ġiet interrotta temporanjament mill-kriżi.

(5) Sa minn meta bdiet il-pandemija, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu miżuri bla preċedent biex jipproteġu l-ħajjiet u l-għajxien. B'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, u bħala parti minn approċċ koordinat tal-Unjoni, il-Greċja kompliet tadotta miżuri biex iżżid il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tagħha u espandiet is-sett ta' miżuri fiskali u ta' likwidità li jgħinu lill-persuni u lin-negozji li ġew affettwati b'mod partikolari. L-UE appoġġat l-isforzi nazzjonali biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa u jittaffa l-impatt ekonomiku. Hija żblukkat il-baġit tagħha biex tiġġieled il-virus, attivat il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, użat il-flessibbiltà sħiħa tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u ħolqot strument ġdid biex jgħin lin-nies jibqgħu jaħdmu u tat appoġġ biex jittaffew ir-Riskji tal-Qgħad f'Emerġenza ("SURE"). Flimkien mal-miżuri meħuda mill-Bank Ċentrali Ewropew, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-Bank Ewropew tal-Investiment, ir-rispons tal-UE jipprovdi EUR 750 biljun mill-istrument tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss, li għandu jiġi implimentat primarjament permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Faċilità se tipprovdi appoġġ sinifikanti għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti biex jissaħħu l-ekonomiji tal-Istati Membri. Il-Faċilità tirrappreżenta opportunità għall-ekonomija Griega biex tirkupra mill-kriżi attwali u tindirizza l-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom. Barra minn hekk, taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021–2027, il-finanzjament tal-UE ta' aktar minn EUR 1 000 biljun se jkun immirat lejn prijoritajiet ġodda u msaħħa fl-oqsma ta' politika kollha tal-UE, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

(6) Fit-18 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat it-tmien valutazzjoni tagħha fl-ambitu tas-sorveljanza msaħħa dwar il-Greċja ([7]). Ikkonkludiet li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi sfavorevoli li nħolqu mit-tifqigħa tal-pandemija, il-Greċja ħadet l-azzjonijiet meħtieġa biex tirrispetta l-impenji speċifiċi ta' riforma tagħha. Ir-rapport innota li l-awtoritajiet irnexxielhom jerġgħu jibdew il-ħidma fuq l-impenji ta' riforma fix-xhur li għaddew, wara waqfien fl-ewwel nofs tal-2020 minħabba l-avvenimenti bla preċedent, u wettqu għadd ta' riformi fundamentali. L-istituzzjonijiet Ewropej laqgħu l-impenn mill-qrib u kostruttiv fl-oqsma kollha u ħeġġew lill-awtoritajiet biex iżommu l-momentum u, fejn meħtieġ, isaħħu l-isforzi biex titlesta malajr l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni primarja adottata reċentement. Dan huwa partikolarment il-każ għar-riformi fis-settur finanzjarju, fejn korp kbir ta' leġiżlazzjoni sekondarja għandu jitlesta u jiġi adottat dalwaqt.

(7) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni tal-2020 u abbażi ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020. Il-Kunsill ħa kont tal-ħtieġa li tiġi indirizzata l-pandemija u li jiġi ffaċilitat l-irkupru ekonomiku bħala l-ewwel pass meħtieġ biex ikun jista' jsir aġġustament tal-iżbilanċi. Huwa rrakkomanda ([8]) lill-Greċja biex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, anki billi ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, biex tiżviluppa skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u billi tappoġġa b'mod effikaċi l-attivazzjoni biex jittaffew l-impatti fuq l-impjiegi u soċjali li ġabet il-kriżi, biex tniedi miżuri għall-likwidità u tippromwovi investimenti pubbliċi u privati f'għadd ta' oqsma ta' investiment prijoritarji, inkluż it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-Kunsill appella wkoll lill-awtoritajiet biex ikomplu u jlestu r-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm, sabiex jerġa' jibda rkupru ekonomiku sostenibbli, wara li gradwalment jillaxkaw ir-restrizzjonijiet imposti minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19.

([4]) SWD(2020) 507 final.
([5]) COM(2020) 150 final.
([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).
([7]) Il-Kummissjoni Ewropea: Ir-Rapport ta' Sorveljanza Msaħħa – il-Greċja, Mejju 2020, Dokument Istituzzjonali 127, Mejju 2020.
([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Greċja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Greċja (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 46).

(8) Is-settur bankarju Grieg sar aktar stabbli u reżiljenti għax-xokkijiet sa minn tmiem il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, iżda għad hemm riskji ta' legat u vulnerabbiltajiet sottostanti sinifikanti, imsaħħa mill-impatt negattiv tat-tifqigħa tal-Coronavirus. Il-banek iżommu likwidità adegwata, filwaqt li jieħdu vantaġġ minn kundizzjonijiet ta' politika monetarja akkomodanti, iżda l-livell ta' self improduttiv għadu għoli, li jirrappreżenta EUR 58,7 biljun jew 35,8 % tal-iskoperturi tas-self gross tal-klijenti minn Settembru 2020 ([9]). It-tnaqqis fl-istokk ta' self improduttiv osservat mill-ogħla livell tiegħu ta' EUR 107,2 biljun f'Marzu 2016, kompla fl-ewwel disa' xhur tal-2020, għalkemm b'pass aktar bil-mod. Madankollu, is-sehem kbir ta' self li jibbenefika minn moratorji fuq il-ħlas tad-dejn jindika riskju sinifikanti ta' żieda fil-ħtiġijiet ta' proviżjonament u deterjorament fil-proporzjonijiet tal-kwalità tal-assi meta jiskadu l-moratorji. Element ewlieni tal-istrateġija tal-banek biex jiġi indirizzat is-self improduttiv jibqa' li nimxu'l quddiem bit-titolizzazzjonijiet taħt l-iskema Hercules, li huma mistennija li jiġu konklużi fl-ewwel nofs tal-2021. Il-pożizzjoni tal-kapital tal-banek Griegi hija konformi mar-rekwiżiti regolatorji, iżda qed jiffaċċjaw żieda fir-rekwiżiti superviżorji u fil-ħtiġijiet kapitali biex jiġi ffinanzjat il-proċess ta' tnaqqis fl-ingranaġġ tas-self improduttiv (NPL) fuq terminu medju, filwaqt li l-profittabbiltà hija baxxa u hija mistennija li taqa' taħt pressjoni ulterjuri minħabba l-effetti ekonomiċi tal-pandemija. B'riżultat ta' dan, il-banek Griegi huma partikolarment esposti għar-riskju ta' żidiet potenzjali fil-kostijiet għall-finanzjament u għal deterjorament mill-ġdid fil-kwalità tal-assi minħabba l-pandemija. L-awtoritajiet implimentaw jew estendew b'suċċess miżuri ta' appoġġ biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji affettwati, li jikkomplementaw l-inizjattivi fil-livell tal-banek kummerċjali u tas-servizzjanti. Qegħdin ukoll jimxu 'l quddiem b'riformi kruċjali tas-settur finanzjarju, bil-għan li jtejbu l-għodod eżistenti għar-riżoluzzjoni ta' self improduttiv, wara dewmien fil-passat minħabba l-impatt negattiv tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dawn ir-riformi, b'mod partikolari r-reviżjoni radikali li ġiet adottata dan l-aħħar tar-reġim ta' insolvenza frammentat, jistgħu jikkontribwixxu biex itaffu l-impatt fuq terminu medju tal-kriżi fuq id-dejn tas-settur privat. L-impatt ta' dawn ir-riformi se jiddependi fuq il-puntwalità u l-effettività tal-implimentazzjoni tagħhom.

(9) Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin f'oqsma bħat-tnaqqis taż-żmien għar-reġistrazzjoni ta' negozju u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-investituri minoritarji, il-Greċja għadha qed tiffaċċja sfidi kbar fir-rigward tal-ambjent tan-negozju u s-sistema ġudizzjarja tagħha, evidenzjati minn prestazzjoni baxxa f'diversi oqsma (eż. l-infurzar tal-kuntratti, ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà, ir-riżoluzzjoni tal-insolvenza, eċċ.). L-awtoritajiet qed ikomplu jaħdmu biex itejbu l-ambjent regolatorju u jagħtu spinta lill-kompetittività, minkejja d-diffikultajiet iffaċċjati minħabba l-pandemija għaddejja bħalissa tal-COVID-19. Progress kostanti fl-implimentazzjoni tar-riformi tal-ġustizzja, inklużi azzjonijiet li jappoġġaw il-medjazzjoni, u passi reċenti meħuda għar-riforma tas-swieq tal-prodotti u t-titjib tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jikkontribwixxu għall-prospetti ta' rkupru tal-Greċja iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jitjieb l-ambjent tan-negozju. L-awtoritajiet qed javvanzaw ukoll b'riformi ewlenin biex itejbu l-prestazzjoni diġitali tal-Greċja, li għadha fost l-aktar baxxi fl-UE. Il-Greċja hija impenjata wkoll għall-implimentazzjoni ta' riforma kbira fl-akkwist pubbliku sal-bidu tal-2021, filwaqt li tkompli bit-tnedija ta' azzjonijiet komplementari biex ittaffi aktar il-piż amministrattiv għan-negozji u ċ-ċittadini.

(10) Wara li nqatgħet mis-self tas-suq finanzjarju fl-2010, il-Greċja bdiet terġa' takkwista aċċess għas-suq permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-gvern minn Lulju 2017. Ir-rendimenti tal-bonds tal-gvern Grieg bdew jimmoderaw bil-mod wara l-konklużjoni b'suċċess tal-programm tal-MES fl-2018 u naqsu b'mod sinifikanti fl-2019. Minn meta feġġet il-pandemija, il-Greċja ħarġet kemm kambjali tat-teżor kif ukoll bonds fit-tul li kellhom suċċess, li jindika aċċess tajjeb għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq. Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli attwali huma appoġġati minn miżuri ta' likwidità miftiehma fil-livell Ewropew, inkluż il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija tal-Bank Ċentrali Ewropew. Abbażi tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ippreżentata fit-8 rapport ta' sorveljanza msaħħa, il-ħtiġijiet ta' finanzjament gross tal-gvern huma mistennija li jlaħħqu madwar 15 % tal-PDG fit-terminu medju.

(11) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-istabbiliment tas-sorveljanza msaħħa skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 għadhom preżenti. B'mod partikolari, il-Greċja għadha qed tiffaċċja riskji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħha li, jekk jimmaterjalizzaw, jista' jkollhom effetti kollaterali negattivi fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro. Jekk jimmaterjalizzaw xi effetti kollaterali, dawn jistgħu jseħħu indirettament billi jkollhom impatt fuq il-fiduċja tal-investituri u b'hekk fuq il-kostijiet ta' rifinanzjament għall-banek u s-sovrani fi Stati Membri oħra taż-żona tal-euro.

([9]) Sors: Il-Bank of Greece, imkejjel fil-livell individwali.

(12) Għaldaqstant, fuq terminu medju, il-Greċja teħtieġ li tkompli tadotta miżuri biex tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet u timplimenta riformi strutturali bħala sostenn għal irkupru ekonomiku robust u sostenibbli, bil-ħsieb li jittaffew l-effetti ta' diversi fatturi li ġejjin mill-passat. Dawn jinkludu id-daqqa serja u twila 'l isfel fl-ekonomija tul il-kriżi; id-daqs tal-piż tad-dejn tal-Greċja; il-vulnerabbiltajiet tas-settur finanzjarju tagħha; l-interkonnessjonijiet relattivament b'saħħithom u kontinwi bejn is-settur finanzjarju u l-finanzi pubbliċi Griegi, inkluż permezz ta' sjieda mill-Istat; ir-riskju ta' kontaġju ta' tensjonijiet qawwija f'wieħed minn dawn is-setturi lil Stati Membri oħra, kif ukoll l-esponiment tal-Istati Membri taż-żona tal-euro għad-dejn sovran Grieg.

(13) Sabiex jiġu indirizzati r-riskji residwi u jiġi mmonitorjat l-issodisfar tal-impenji mmirati apposta għalihom, jidher li huwa meħtieġ u xieraq li s-sorveljanza msaħħa tal-Greċja tiġi estiża skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013.

(14) Il-Greċja ngħatat l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, permezz ta' ittra mibgħuta fl-14 ta' Jannar 2021. Fit-tweġiba tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, il-Greċja fil-biċċa l-kbira qablet mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-isfidi ekonomiċi li qed tiffaċċja, li hija l-bażi għall-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa.

(15) Il-Greċja se tkompli tibbenefika minn appoġġ tekniku pprovdut taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku l-ġdid, li b'mod partikolari se jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

(16) Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tikkollabora mill-qrib mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu, fl-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-perjodu ta' sorveljanza msaħħa tal-Greċja skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 attivat mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1192 għandu jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, li jibda fil-21 ta' Frar 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni